A.L. 186 ta' l-2001

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Regolamenti ta' l-2001 dwar Bejgħ mill-Boghod

BIS-SAĦĦA tas-setghat mogħtija bl-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, wara li kkonsulta l-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar Bejgħ mill-Boghod.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fil-ġurnata li l-Ministru jista' jippreskrivi b'avviż fil-Gazzetta, b'dan li jistgħu jiġu hekk preskritt dati differenti għal disposizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur;

"garanzija kummerċjali" għandha l-istess tifsira bħal dik li għandha fl-Att;

"konsumatur" għandha l-istess tifsira bħal dik li għandha fl-Att;

"kummerċjant" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik li għandha taħt l-Att;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur;

"kuntratt mill-boghod" tfisser kuntratt li jirrigwarda oġġetti jew servizzi magħmul bejn kummerċjant u konsumatur taħt skema organizzata, arranġament, fteħim jew attività simili ta' bejgħ jew

provdiment ta' servizz mill-bogħod, immexxija jew imħaddma mill-kummerċjant, li għall-fini tal-kuntratt, jagħmel użu esklużiv ta' xi mezz wieħed jew iktar ta' komunikazzjoni mill-bogħod sal-waqt, u inkluż il-waqt, meta jsir il-kuntratt;

"mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod" tirreferi għal kull mezz li, minħajr il-preżenza fiżika fl-istess waqt tal-kummerċjant u l-konsumatur, jista' jintuża għall-finijiet ta' l-għemil ta' xi kuntratt bejn dawk il-partijiet kif hemm imsemmi fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur;

"operatur ta' xi mezz ta' komunikazzjoni" tfisser kull min ikollu l-kummerċ, negozju jew professjoni tiegħu jinvolvuh f'li jagħmel xi mezz wieħed jew iktar ta' komunikazzjoni mill-bogħod disponibbli għall-kummerċjanti;

"stedina għal kuntratt mill-bogħod" tfisser kull komunikazzjoni mill-bogħod, sew pubblika sew personalizzata, u tinkludi l-elementi kollha meħtieġa biex il-konsumatur ikun jista' jidħol direttament f'rabta kuntrattwali, b'dan li dawk il-forom ta' reklamar li ma jkunx fihom l-elementi meħtieġa biex il-konsumatur jidħol direttament f'relazzjoni kuntrattwali m'għandhomx jitqiesu bħala stediniet għall-kuntratt mill-bogħod.

Eżenzjonijiet.

3. (1) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal kuntratti li jkunu -

(a) magħmula permezz ta' makni tal-bejgħ awtomatiċi jew postijiet kummerċjali li joperaw b'mod awtomat;

(b) magħmula ma' operaturi tat-telekomunikazzjonijiet permess ta' l-użu ta' *payphones* pubbliċi;

(ċ) magħmula għall-kostruzzjoni u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew li jkollhom x'jaqsmu ma' jeddijiet oħra ta' proprjetà immobbli, ħlief għal kirja;

(d) magħmula f'xi rkant; u

(e) jirrigwardaw servizzi finanzjarji, bħal dawk mogħtija f'lista li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Ir-regolamenti 4, 5, 6 u 7(1) m'għandhomx japplikaw għal kuntratti -

(a) għall-provvista ta' ikel, xorb, jew oġġetti oħra maħsuba għall-konsum korrenti fornuta fid-dar tal-konsumatur, fir-residenza tiegħu jew fil-post tax-xogħol tiegħu minn kurriera regolari;

(b) għall-għoti ta' servizzi għar-rigward ta' l-akkomodazzjoni, it-trasport, provdiment ta' ikel jew bevuti, meta l-kummerċjant jintrabat, meta jintgħamel il-kuntratt, li jipprovdi dawk is-servizzi f'xi data speċifika jew f'perjodu speċifikat.

Tagħrif li jingħata bil-quddiem.

4. (1) Żmien qabel ma jintagħmel xi kuntratt mill-bogħod, il-kummerċjant għandu, b'mod ċar u li jiftiehem adatt għall-mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod li jintużaw, jipprovdi lill-konsumatur b'dan it-tagħrif li ġej:-

(a) l-isem sħiħ u l-indirizz permanenti tal-kummerċ jew negozju tal-kummerċjant;

(b) deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali ta' l-oġġetti jew servizzi;

(ċ) il-prezz ta' l-oġġetti jew servizzi inkluża kull taxxa jew ħlas dovuti;

(d) spejjeż għall-kunsinna, meta dan ikun japplika;

(e) l-arranġamenti għall-ħlas, kunsinna jew twettiq;

(f) li l-konsumatur ikollu dritt iħassar, ħlief fil-każijiet imsemmija fir-regolament 6(5);

(ġ) in-nefqa li ssir biex jintuża l-mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, meta din tiġi kkalkolata b'rata oġħla mir-rata bażika;

(ħ) il-perjodu li matulu jibqgħu validi l-offerta jew il-prezz; u

(i) meta jkun adatt, l-inqas żmien li jdum il-kuntratt fil-każ ta' kuntratti għall-provvista ta' prodotti jew servizzi li għandhom isiru b'mod permanenti jew rikorrenti:

Iżda t-tagħrif meħtieġ taħt dan is-subregolament għandu jingħata skond il-prinċipji ta' bonafidi fi transazzjonijiet kummerċjali, u ebda żvantaġġ mhux dovut m'għandu jittieħed mill-konsumatur minħabba fl-età jew inkapaċità tiegħu, jew xort'oħra. Il-kummerċjant għandu f'kull każ dejjem jagħmilha ħaġa ċara li t-tagħrif ikun qiegħed jingħata għal fini kummerċjali.

(2) Kuntratt li jsir matul komunikazzjoni bit-telefon ma jkunx, jekk il-konsumatur hekk jagħżel, esegwibbli kontra l-konsumatur sakemm fil-bidu tat-taħdita l-kummerċjant ma jiżvelax l-identità tiegħu u l-iskop kummerċjali ta' dik it-telefonata b'mod ċar u espliċitu lill-konsumatur.

(3) F'każ ta' tilwima tkun ir-responsabbiltà tal-kummerċjant li jġib prova li huwa kien ta lill-konsumatur kull tagħrif meħtieġ fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament.

Konferma tat-tagħrif bil-miktub.

5. (1) Kuntratt li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti ma jkunx, jekk il-konsumatur hekk jagħżel, esegwibbli kontra l-konsumatur sakemm il-kummerċjant ma jkunx ta lill-konsumatur konferma bil-miktub jew konferma b'xi mezz tanġibbli ieħor disponibbli u aċċessibbli lill-konsumatur tat-tagħrif imsemmi fil-paragrafi (a) sa (f) tar-regolament 4(1), jew

(a) qabel ma jintgħamel il-kuntratt; jew

(b) fi żmien sew matul it-twettiq tal-kuntratt, u mhux iktar tard miż-żmien tal-kunsinna meta ma jkunx hemm oġġetti għall-kunsinna lil terzi.

(2) Ebda kuntratt li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti m'għandu jkun esegwibbli kontra l-konsumatur kemm-il darba l-kummerċjant ma jkunx ta lill-konsumatur dan li ġej -

(a) tagħrif bil-miktub dwar il-kondizzjonijiet u l-proċeduri biex iwettaq il-jedd ta' thassir taħt ir-regolament 6, inklużi l-każijiet imsemmija fir-regolament 6(5)(a);

(b) l-isem sħiħ u l-indirizz permanenti tal-kummerċ jew negozju tal-kummerċjant li lilu l-konsumatur jkun jista' jindirizza l-ilmenti tiegħu;

(ċ) it-tagħrif dwar servizzi ta' wara l-bejgħ u l-garanziji kummerċjali li jeżistu; u

(d) l-aħħar data meta jista' jithassar il-kuntratt, meta dan ikun għal żmien mhux speċifikat jew għal żmien li jeċċedi s-sena.

(3) Is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament m'għandux japplika għal servizzi li jitwettqu permezz ta' l-użu ta' mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod, meta dawn jingħataw f'okkażjoni ta' darba biss u tinħarġilhom fattura mill-operatur tal-mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod. Madankollu, il-konsumatur ikollu l-jedd

f'kull każ li jikseb l-indirizz permanenti tal-post ta' kummerċ jew negozju tal-kummerċjant li lilu jkun jista' jindirizza l-ilmenti tiegħu.

(4) Fil-każ ta' xi tilwima, tkun responsabbiltà tal-kummerċjant li jġib prova li t-tagħrif bil-miktub li jkun meħtieġ li jipprovdi taħt is-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament ikun ingħata lill-konsumatur.

Jedd li jsir thassir.

6. (1) Konsumatur jista' fi żmien ħmistax-il ġurnata jħassar kuntratt mill-bogħod mingħajr ma jinkorri ebda penali u mingħajr ma jagħti ebda raġuni għal dan. Il-perjodu għall-eżerċizzju ta' dan il-jedd jibda -

(a) fil-każ ta' oġġetti, mill-ġurnata minn meta l-konsumatur jirċevihom meta jkunu twettqu l-obbligazzjonijiet stipulati fis-subregolamenti 5 (1) u (2);

(b) fil-każ ta' servizzi, mid-data ta' l-għemil tal-kuntratt jew mill-ġurnata meta jkunu twettqu l-obbligazzjonijiet stipulati fis-subregolamenti 5 (1) u (2) jekk dawn jitwettqu wara l-konklużjoni tal-kuntratt, bil-kondizzjoni li dan il-perjodu ma jkunx jeċċedi il-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(2) Jekk il-kummerċjant ikun naqas milli jwettaq l-obbligazzjonijiet stipulati fis-subregolamenti (1) u (2), il-perjodu jkun ta' tliet xhur, liema perjodu jibda għaddej -

(a) għall-oġġetti, mill-ġurnata meta jirċevihom il-konsumatur; u

(b) għal servizzi, mid-data ta' l-għemil tal-kuntratt:

Iżda jekk it-tagħrif imsemmi fis-subregolamenti 5 (1) u (2) jingħata matul dak il-perjodu ta' tliet xhur, il-perjodu ta' ħmistax-il ġurnata li matulu l-konsumatur ikollu l-jedd iħassar il-kuntratt mill-bogħod għandu jibda għaddej mill-waqt li jingħata t-tagħrif.

(3) Meta l-konsumatur ikun wettaq il-jedd li għandu li jħassar taħt dan ir-regolament, il-kummerċjant ikun obbligat iħallas lura kull ammont imħallas mill-konsumatur. Dak il-ħlas lura għandu jsir kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien tletin ġurnata.

(4) L-uniku ħlas li għandu jintalab mill-konsumatur jekk huwa jwettaq il-jedd li għandu li jħassar taħt dan ir-regolament ikun dak tan-nefqa diretta biex jiġu ritornati l-oġġetti.

(5) Kemm-il darba l-partijiet ma jkunux qablu xort'oħra, il-konsumatur ma jistax iwettaq il-jedd li għandu li jħassar taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għar-rigward ta' kuntratti -

(a) għall-għoti ta' servizzi, jekk it-twettiq ikun beda, bil-kunsens tal-konsumatur qabel tmiem il-perjodu ta' ħmistax-il ġurnata msemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament;

(b) għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi li l-prezz tagħhom ikun jiddependi fuq il-fluttwazzjonijiet fis-suq finanzjarju li ma jkunux jistgħu jiġu kkontrollati mill-kummerċjant;

(ċ) għall-provvistà ta' oġġetti magħmulin bil-qies skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-konsumatur u li jkun b'mod ċar personalizzati jew li, minħabba fix-xorta tagħhom, ma jistgħux jitreġġgħu lura jew ikunu wisq jistgħu jiddeterjoraw jew jiskadu malajr ħafna;

(d) għall-provvista ta' reġistrazzjonijiet awdjo jew video jew *computer software* li jinfetħu mis-sarr tagħhom mill-konsumatur;

(e) għall-provvista ta' gazzetti, perjodiċi u rivisti; u

(f) għal servizzi ta' logħob u lotteriji.

Twettiq ta' kuntratt mill-bogħod.

7. (1) Kemm-il darba l-partijiet ma jkunux ftehmu xort'oħra, il-kummerċjant għandu jwettaq l-ordni l-iktar tard fi żmien tletin ġurnata mill-ġurnata li tiġi wara dik meta l-konsumatur jkun ippreżenta l-ordni tiegħu lill-kummerċjant.

(2) Meta kummerċjant jonqos milli jagħmel il-parti tiegħu tal-kuntratt għaliex l-oġġetti jew is-servizzi ordnati ma jkunux disponibbli, l-konsumatur għandu mbagħad jiġi mgħarraf b'din is-sitwazzjoni u l-konsumatur ikollu jedd jikseb mingħand il-kummerċjant il-ħlas lura ta' kull ammont imħallas kemm jista' jkun malajr u f'kull każ mhux aktar tard minn tletin ġurnata.

Restrizzjoni dwar l-użu ta' xi mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod.

8. Kummerċjant li, meta jkun qed jistieden lill-parruċċani, juża xi wieħed minn dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni mill-bogħod mingħajr ma jkun qabel kiseb il-kunsens tal-konsumatur, li huma -

(a) makna facsimile (*fax*),

(b) mezzi li bihom jaqbad ma' persuna oħra awtomatiċi,

jkun responsabbli li jikkumpensa lill-konsumatur għal kull inkonvenjenza kagunata u danni riżultanti li jkun soffra.

Il-konsumatur jista' jitlob kummerċjant ma jagħmilx stediniet.

9. Konsumatur jista' jitlob lil kummerċjant biex ma jagħmel ebda stedina għal kummerċ mill-bogħod li tkun indiriazzata lilu. Jekk il-kummerċjant jibqa' jinsisti f'dan l-għemil wara li jkun ġie mitlub mill-konsumatur biex jieqaf, dak il-kummerċjant ikun responsabbli biex jikkumpensa lill-konsumatur għal kull inkonvenjent li kkaġunalu u danni riżultanti.

Ma jistgħux isiru kuntratti mill-bogħod ma' minorenni eċċ.

10. Kuntratt mill-bogħod li jkun sar ma' minorenni, jew ma' persuna li tkun interdetta jew inkapaċitata skond il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jkun null u bla ebda effett.

Thassir ta' ftehim ta' kreditu.

11. (1) Jekk konsumatur jwettaq il-jedd li jħassar kuntratt mill-bogħod taħt dawn ir-regolamenti u l-oġġetti jew is-servizzi jkunu nxtraw minnu bi kreditu, għaldaqshekk jekk ikun hemm ftehim ta' kreditu li jkun sar mal-kummerċjant għandu wkoll jitħassar jekk:

(a) il-kreditu jkun ġie pprovdut direttament mill-kummerċjant, jew

(b) il-kreditu jkun ġie pprovdut minn terza persuna, abbażi ta' ftehim minn qabel mal-kummerċjant li taħtu t-terza persuna tkun ipprovdiet il-kreditu lill-konsumatur għall-fini li jakkwista l-oġġetti jew is-servizzi provduti mill-kummerċjant.

(2) Il-konsumatur ma jinkorri ebda piena jekk huwa jħassar ftehim ta' kreditu skond dan ir-regolament.

Ħlas bi *credit card*.

12. (1) Il-konsumatur ikollu jedd iħassar ħlas meta jkun sar użu frawdolenti mill-*credit card* tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' kuntratt mill-bogħod li dawn ir-regolamenti japplikaw għalih.

(2) Il-konsumatur ikollu jedd li jerġa' jingħata kreditu għal kull ammont addebitat bħala riżultat ta' l-użu frawdolenti tal-*credit card* tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam ma' kuntratt mill-bogħod li dawn ir-regolamenti japplikaw għalih.

Oneru tal-prova.

13. F'kull tilwima dwar -

(a) il-kontenut tat-tagħrif moghti lill-konsumatur skond ir-regolament 4 (1) qabel ma jintgħamel il-kuntratt mill-bogħod;

(b) meta jkun hemm talba bil-quddiem mill-konsumatur skond ir-regolament 9;

(ċ) il-kunsens tal-konsumatur għal kuntratt mill-bogħod; jew

(d) il-konformità tal-kummerċjant mal-perjodi ta' skadenza preskritti taħt dawn ir-regolamenti,

il-kummerċjant ikollu r-responsabbiltà li jġib kull prova.

Oġġetti w servizzi mhux mitluba.

14. (1) Konsumatur ma jkunx responsabbli jħallas lil kummerċjant għal dawk l-oġġetti jew servizzi jew it-tnejn flimkien mhux mitlubin li jiġu lilu forniti jew moħtija minn kummerċjant.

(2) Konsumatur jista' jittratta kull oġġett jew servizz fornut jew moħti lilu minn kummerċjant bħallikieku dawn kienu rigal li qed isirlu bla ebda kondizzjoni, u kull dritt li l-kummerċjant ikollu dwarhom għandu hekk jintemm.

(3) Kummerċjant li jagħmel talba għal ħlas, jew jasserixxi xi jedd ta' ħlas preżenti jew prospettiv, għal dawk li jkun jaf li huma oġġetti jew servizzi lil konsumatur mhux mitlubin bil-għan li dak il-konsumatur għad jakkwista dawk l-oġġetti jew servizzi, ikun ħati ta' reat.

(4) Kummerċjant li bil-għan li jikseb xi ħlas għal dak li jkun jaf jew imissu jkun jaf li jkunu oġġetti jew servizzi mhux mitlubin:

(a) jħedded li jibda proċedimenti legali;

(b) iqiegħed jew iġiegħel lil min iqiegħed l-isem ta' konsumatur fuq lista ta' nies li jonqsu minn dmirijiethom jew debituri, jew jħedded li hekk jagħmel; jew

(ċ) jirrikorri għal, jew iġiegħel lil min jirrikorri għal xi proċedura oħra ta' ġbir ta' flus, jew jħedded li hekk jagħmel,

ikun ħati ta' reat.

Kummerċjant li jibqa' jinsisti li jforni oġġetti eċċ. mhux mitluba.

15. Kummerċjant li jibqa' jinsisti f'li jforni oġġetti jew servizzi mhux mitluba wara li l-konsumatur ikun għarrfu, ukoll jekk bil-fomm, li dawk l-oġġetti jew servizzi ma jkunux meħtieġa, jkun ħati ta' reat.

Kif japplikaw it-Taqsimiet IX u X ta' l-Att.

16. It-Taqsimiet IX u X ta' l-Att għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti bħallikieku riferrenzi għall-Att jew għal Taqsimiet tiegħu kienu riferenzi wkoll għal dawn ir-regolamenti.

Reati u pieni.

17. (1) Kull min jonqos milli jħares dawn ir-regolamenti, liema nuqqas jikkostitwixxi reat, jista' jeħel meta jinsab ħati multa ta' mhux inqas minn mitt lira iżda ta' mhux iżjed minn elfejn lira, u multa ta' mhux inqas minn ħamsa w għoxrin lira u mhux iżjed minn ħamsin lira għal kull ġurnata li matulha jkompli għaddej in-nuqqas.

(2) Meta reat taħt dawn ir-regolamenti jkun sar minn korp magħqud u jiġi ppruvat li jkun sar bil-kunsens jew qbil, jew li jkun ġie faċilitat minn xi neglīġenza ta' xi direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dak il-korp, jew ta' xi persuna li ġġieħlek taħseb li kienet qed taġixxi f'dik il-kapaċità, kemm dik il-persuna, kif ukoll dak il-korp, ikunu ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

Mezzi ta' Komunikazzjoni mill-Bogħod

1. Materjal stampat mhux indirizzat
2. Materjal stampat indirizzat
3. Ittra *standard*
4. Reklamar bl-istampa flimkien ma' ordni
5. Katalogu
6. Telefon bl-intervent ta' xi ħadd
7. Telefon mingħajr l-intervent ta' xi ħadd (makna li ssejjaħ awtomatika, *audiotext*)
8. Radju
9. *Videophone* (telefon bl-iskrin)
10. *Videotex* (*microcomputer* u skrin tat-televiżjoni)
11. Posta elettronika
12. Makna facsimile (*fax*)
13. Televiżjoni (*teleshopping*).

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 3)

Servizzi Finanzjarji

- Servizzi ta' investiment, inklużi servizzi ta' skemi ta' investiment kollettiv;

- Operazzjonijiet ta' assigurazzjoni u ri-assigurazzjoni;

- Servizzi bankarji;

- Operazzjonijiet li jirrigwardaw negozju fi *futures* jew opzjonijiet;

Dawk is-servizzi jinkludu b'mod partikolari: is-servizzi u l-attivitajiet regolati minn dawn il-liġijiet li ġejjin:

- Att dwar Servizzi ta' Investiment - Kap. 370
- Att dwar il-Kummerċ Bankarju - Kap. 371
- Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji - Kap. 376
- Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni - Kap. 403
- Att dwar *Brokers* fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji oħra - Kap. 404.